MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## MARK CHETCUTI

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2015

Citazzjoni Numru. 562/2014

**L.R. Composizioni Profumati Srl**

**vs**

**Ocean Group Limited**

**Franceso Mascali**

**Jurij Paolo Ravalli**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta attrici tal-25 ta' Gunju 2014 li jghid hekk:

1. IIli l-intimat Mascali kien impjegat u haddiem tar-rikorrenti b'kuntratt ta' impjieg regolari, liema impjieg beda fl-10 ta' Jannar 2008 u gie terminat definitivament fit-18 ta' Dicembru 2012 kif jidher fid-dokument hawn anness u immarkat Dok. A;

2. Illi l-intimat Ravalli kien impjegat u haddiem tar-rikorrenti b'kuntratt ta' impjieg regolari, liema impjieg beda fis-16 ta' Jannar 2009 u gie terminat definitivament fit-8 ta' Marzu 2013 kif jidher fid-dokument hawn anness u immarkat Dok. B;

3. Illi minn dan l-impjieg mar-rikorrenti l-intimati Mascali u Ravalli kellhom access ghal informazzjoni sensitiva, u kienu fdati bil-fiducja tar-rikorrenti inter alia ai termini tal-art. 1124A u 1124B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Illi l-intimata Ocean Group Limited giet registrata fis-16 ta' Marzu 2012 bin-numru ta' registrazzjoni C55659, bl-indirizz ufficjali jkun Suite 3, 64/1 Agiton Building, St. Anthony Street, San Gwann, bl-intimat Ravalli bhala direttur u bl-intimati Ravalli u Mascali bhala azzjonisti, u dan kollu meta kienu fl-impjieg mar-rikorrenti;

5. Illi minghajr pregudizzju ghas suespost, l-agir u l-operat tal-intimati jew min minnhom, jammonta ghal konkorrenza zleali, inter alia ai termini tal-art. 32 tal-Kap. 13 tal-Ligijiet ta' Malta, li kkawzaw danni lir-rikorrenti kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza;

Jghidu ghalhekk l-intimati jew min minnhom, ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex, prevja kull dikjarazzjoni opportuna u ghar-ragunijiet premessi, tiddeciedi billi:

1. Tiddikjara li l-intimati jew min minnhom, fi zmien meta kienu impjegati mar-rikorrenti, b'access ghal informazzjoni sensitiva, fdati bil-fiducja, u billi giet registrata kumpanija, responsabbli li kisru l-obbligi fiducjarji taghhom inter alia ai termini tal-art. 1124A u 1124B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara li l-intimati jew min minnhom bl-agir u bl-operat taghhom ikkonkorew zlealment mar-rikorrenti, inter alia ai termini tal-art. 32 tal-Kap. 13 tal-Ligijiet ta' Malta, fejn ikkawzaw danni lir-rikorrenti;

3. Tillikwida, okkorrendo bil-hatra ta' perit nominand, l-ammont ta' danni li l-intimati jew min minnhom ikkawzaw lir-rikorrenti;

4. Tordna li l-intimati jew min minnhom sabiex jonoraw l-obbligi fiducjarji taghhom, jiddezistu milli jikonkorru zlealment mar-rikorrenti u jhallsu d-danni likwidati lill-istess rikorrenti;

Bl-ispejjez inkluz l-mandat ta' sekwestru, kif ukoll l-imghax mid-data tar-registrazzjoni tal-kumpanija intimata Ocean Group Limited, kontra l-intimati, li minn issa huma ingunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenuti li tghid hekk:

1. Illi preliminarjament in-nuqqas ta' gurisdizzjoni tal-Qrati Maltin, stante illi kwalsijasi obbligazzjoni li setghet qatt ezistiet bejn l-attrici u l-konvenuti Mascali u Ravalli u li fuqhom l-attrici qed tibbaza l-kawza odjerna, saret u kienet limitata ghal pajjiz esteru (l-Italja); in oltre kwalsijasi operat ta' kull wiehed mit-tlett konvenuti dejjem sar fl-esteru. Il-konvenuti Mascali u Ravalli huma wkoll residenti fl-esteru. L-unika konnessjoni ma' Malta hija li l-kumpanija Ocean Group li taghha l-konvenuti l-ohra huma azzjonisti hi registrata Malta.

2. Illi fi-tieni lok u bla pregudizzju ghas-suespost, ma huwiex minnu illi bis-semplici registrazzjoni ta' kumpanija gew b'xi mod miksura xi obbligi fiducjarji li setghu kienu jintrigaw lil konvenuti Mascali u Ravalli.

3. Illi fit-tielet lok l-kumpanija Ocean Group Limited ma ghandha l-ebda relazzjoni guridika mal-kumpanija attrici.

4. Illi fil-mertu huwa michud illi xi hadd mill-konvenuti ikkonkorra zlejalment kif qed jigi allegat.

5. Illi l-konvenuti dejjern agixxew entro d-drittijiet u l-jeddijiet taghhom skond il-ligi; u ghalhekk ma ghandu jkun hemm l-ebda ordni jew sanzjoni fil-konfront taghhom.

6. Illi l-konvenuti ma ikkawzaw l-ebda danni lil kumpanija attrici u ghalhekk qed jopponu kull pretensjoni ghad-danni fil-konfront taghhom.

7. Illi id-domandi attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

8. Illi din l-azzjoni hija wahda frivola u vessatorja u l-ecceppjenti qed jitolbu l-applikazzjoni tal-komminazzjonijiet prevvisti mil-ligi mil-ligi ghal kawzi simili.

9. Illi din ir-risposta qed tigi ntavolata mit-tlett konvenuti f'att uniku stante is-similarita tal-eccezzjonijiet u qed tigi kkonfermata bil-gurament mill-konvenut Francesco Mascali li ghandu konoxxenza vera u propja tal-fatti in disputa.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri. Salva kull azzjoni spettanti lil konvenuti.

Rat l-atti u n-noti ta' sottomissjonijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza fuq l-eccezzjoni ta' nuqqas ta' gurisdizzjoni.

**Ikkunsidrat**

Is-socjeta attrici qed taghmel zewg talbiet distinti wahda bazata fuq ksur ta' obbligi fiducjarji tal-konvenuti personalment naxxenti minn kuntratt ta' impjieg mis-socjeta attrici terminat bi qbil qabel il-ftuh ta' dawn il-proceduri fejn qed jigi allegat li fil-kors tal-impjieg f'certu kariga ta' fiducja l-istess konvenuti kisru dawn l-obbligi billi uzaw informazzjoni sensitiva tal-istess socjeta u bdew joperaw bi pregudizzju u in kompetizzjoni mas-socjeta li timpjegahom u di piu iffurmaw kumpanija ghal dan l-iskop u b'hekk ikkawzaw danni lill-istess socjeta attrici. It-tieni talba korrelata kunsidrata mal-ewwel hi wahda diretta lejn is-socjeta konvenuta infisha kontrollata mill-konvenuti proprio naxxenti mill-fatt li din is-socjeta qed topera b'tali mod li jikkostitwixxi konkorrenza sleali fil-konfront tas-socjeta attrici. Ghalhekk it-talbiet attrici huma tahlita ta' azzjoni naxxenti minn rapport kontrattwali ta' impjieg mal-konvenuta proprio u vjolazzjonijiet tal-istess, kif ukoll azzjoni ghad-danni extra kontrattwali naxxenti minn agir anti kompetittiv waqt u wara t-terminazzjoni tal-impjieg tramite s-socjeta iffurmata u kontrollata mill-konvenuti proprio.

Jidher mill-ftit informazzjoni mill-atti illi s-socjeta attrici mhix wahda registrata f'Malta u topera barra minn Malta cioe fi Sqallija l-Italja bi klijentela diversa fl-Italja u barra mill-Italia fosthom

il-Portugall u l-Egittu. Il-konvenuti personalment iddikjaraw li huma cittadini Taljani u residenti Sqallija, u kienu impjegati mis-socjeta attrici fejn xogholhom kien dejjem konness u effettwat mill-Italja mill-istabiliment tas-socjeta attrici. Huma dejjem ircevew il-hlas ta' xogholhom barra minn Malta meta kienu ghadhom fl-impjieg tas-socjeta attrici u l-uniku konnessjoni li ghandhom ma' Malta hi l-kumpanija registrata minnhom f'Malta ghal skopijiet li din il-Qorti tqishom bhala ta' vantagg fiskali biss tant li skond ix-xiehda ta' Keith Massa din il-kumpanija ghandha biss sede ufficjali taghha f'Malta. Il-konvenuti proprio jixhdu li l-kumpanija qatt ma innegozjat f'Malta u n-negozju isir mill-esteru.

Il-Qorti tqis illi t-talba attrici fil-konfront tal-konvenuti proprio u kontra s-socjeta konvenuta kontrollata mill-istess konvenuti hi wahda kontrattwali ta' danni naxxenti minn ksur ta' obbligi fiducjarji fiz-zmien tal-impjieg tal-istess mas-socjeta attrici ghalkemm din il-kawza qed issir meta u wara l-kuntratti ta' impjieg gew terminati bi qbil kif jidher mid-dokumenti esebiti, kif ukoll danni extra kontrattwali konsistenti f'agir sleali ta' negozju tramite kumpanija li l-konvenuti irregistraw f'Malta qabel it-terminazzjoni tal-impjieg u li joperaw huma mill-Italja sallum f'kompetizzjoni diretta mas-socjeta attrici billi allegatament qed jintuzaw formoli ta' prodotti krejati mill-istess socjeta attrici u li kellhom access ghalihom il-konvenuti waqt l-impjieg taghhom.

Il-Qorti tqis li ghal dan il-kaz u in partikolari ghall-eccezzjoni tal-gurisdizzjoni japplika r-regolament Ewropej 44/2001 dwar il-gurisdizzjoni fi kwistjonijiet kontrattwali u extra kontrattwali.

Il-principju regolatur hu illi fi kwistjoni kontrattwali konvenut ghandu jitharrek fil-lok ta' domicilju tieghu u f'kaz ta' kumpanija fejn hu l-ufficju registrat jew is-sede principali jew il-lok minn fejn jopera. Fi kwistjonijiet extra kontrattwali konvenut jitharrek fil-lok fejn gie kommess jew qed jigi kommess id-dannu (ara artikolu 2 u 5.3).

Hu indubitat f'dan il-kaz illi l-kuntratt ta' impjieg tal-konvenuti proprio sar fi Sqallija fl-Italja bejn socjeta Taljana u impjegati Taljani u anki l-akkordju ta' terminazzjoni sar fl-Italja. Is-socjeta attrici hi registrata fi Sqallija l-Italja u l-konvenuti proprio huma Sqallin. L-impjieg taghhom gie svolt fl-Italja mill-ufficju tal-kumpanija attrici. Hi l-fehma tal-Qorti li d-dannu

allegatament soffert mis-socjeta attrici sehh mill-operat tal-impjegati taghha fil-kors tal-impjieg taghhom fl-Italja u d-dannu soffert ghalhekk hu dannu ghas-socjeta registrata u operanti fl-Italja b'rizultat tan-nuqqas tal-istess impjegati konsistenti f'abbuz tal-obbligi fiducjarji minhabba l-pozizzjoni li kienu jokkupaw fi hdan l-istess socjeta meta kienu impjegati fl-Italja. Is-soggetti attivi huma kollha Taljani residenti l-Italja, u d-dannu sehh kollu fl-Italja. Kwindi l-gurisdizzjoni idonea fil-konfront tal-konvenuti fil-vesti personali naxxenti mill-vertenza konnessa mal-kuntratt tal-impjieg hi dik tad-domicilju taghhom cioe l-Italja.

L-unika konnessjoni li s-socjeta attrici qed torbot maghha bhala fondament ghal gurisdizzjoni tal-Qorti hi r-registrazzjoni ta' kumpanija Maltija mill-konvenuti proprio fl-2012 cioe fiz-zmien meta l-konvenut proprio kienu ghadhom impjegati mas-socjeta attrici u li tramite din il-kumpanija qed issir konkorenza sleali fil-konfront tas-socjeta attrici. Pero hawn ukoll id-dannu li allegatament qed issofri s-socjeta attrici ma hix minhabba r-registrazzjoni tal-istess kumpanija li kull ma ghandha hu s-sede registrat u l-operat taghha mhux qed jigi kontrollat minn Malta izda tramite l-agir tas-socji cioe l-konvenuti proprio li qed jinhbew wara l-paraventu ta' din il-kumpanija. L-ufficju registrat tas-socjeta registrata f'Malta, wahdu, pero ma jistabilix xi fondament ta' gurisdizzjoni f'kawza ghal dikjarazzjoni u responsabbilta ghal danni konsegwenti ghal agir kummercjali illegali u dannuz fil-konfront tas-socjeta attrici.

Il-fatt li l-konvenuti irregistraw kumpanija f'Malta hu biss fattur incidentali u mhux primarju u hi l-fehma tal-Qorti illi la darba l-persuni attivi wkoll konvenuti proprio fil-prattika jikkontrollaw is-socjeta Maltija huma Taljani u l-allegat dannu kellu l-bidu tieghu u l-effetti rizultanti minnu fl-Italja u mhux f'Malta, il-gurisdizzjoni ma tistax titqies li hi dik Maltija kif gustament gie eccepit mill-konvenuti izda dik fejn qed isehh id-dannu, u fejn allura l-gurisdizzjoni idoneja biex tisma' l-kaz ghandha tkun dik Taljana.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-eccezzjoni tal-konvenuti li din il-Qorti ma ghandhiex gurisdizzjoni tisma' din il-kawza u ghalhekk qed tiddikjara ruhha inkompetenti tisma' din il-kawza, bl-ispejjez kontra s-socjeta attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------